# BEATI U QADDISIN...APRIL

## 25 ta' April

## San Mark, Evangelista

Ta' origini Lhudija, San Mark twieled probabilment barra l-Palestina minn familja tat-tajjeb. Kien il-kumpann ta' San Pietru li hadu mieghu fil-vjaggi missjunarji gewwa Ruma u fl-Orjient fejn kiteb l-evangelju. Il-Kap tal-Knisja sejjahlu "ibni". Barra kumpann ta' San Pietru, Marku jista' jiftahar li kien ukoll ta' kumpannija ma' San Pawl fil-vjaggi tieghu appostolici. Iltaqa' mieghu fis-sena 44 meta Pawlu u Barnaba hadu maghhom il-gabra tal-komunita' ta' Antiokja lejn Gerusalemm. lil San Pawl gewwa Ruma. L-evangelista probabbilment miet fis-sena 68. Mhux cert jekk il-mewt tieghu kienitx wahda naturali jew jekk sofriex il-martirju. Skond l-atti ta' Marku fir-raba seklu fl-24 ta' April huwa gie traxxinat matul it-toroq ta' Alessandria mill-pagani u wara mitfugh il-habs. L-ghada kellu jghaddi mill-istess turmenti u miet.



Dak li nafu fuq Marku jinsab accenna tieghu fl-Atti ta' l-Appostli u fl-ittri ta' San Pawl. Ismu veru kien Giovanni Marku; Giovanni kien juzah ma' hutu l-Lhud izda meta kien ikun fost il-pagani kienu jsejhulu Marku. Kien ma zijuh Barnaba u San Pawl fl-ewwel vjagg appostoliku sa Cipru imma meta dawn iddecidew li jirriturnaw lejn Antiokja fi vjagg li ghal Marku deher perikoluz, Giovanni Marku beza u irritorna Gerusalemm.

Il-vangelu ta' Marku jista' jigi kunsiderat bhala t-taghlim ta' San Pietru u gie miktub bejn is-snin 50 u 60 f'dak iz-zmien li Marku kien jakkumpanja lil Pietru gewwa Ruma. Imqassam f'sittax-il kapitlu, jitkellem mill-predikazzjoni tal-Battista, il-ministeru

ta’ Gesu’ fil-Galilea, il-mixja ta’ Gesu lejn Gerusalemm u d-dahla tieghu f’din il-belt u t-tbatija, il-mewt u l-Qawmien tal-Mulej.

Huwa l-patrun tal-belt ta’ Venezja fejn hemm basilka grandjuza dedikata ghal-unur tieghu. Ta' min jinnota li s-simbolu ta' San Mark huwa l-iljun. Dan ghaliex huwa jibda l-evangelju tieghu bil-kelmiet fuq Giovanni l-Battista, "il-Lehen ta' wiehed jghajjat fid-dezert" u tixbiha ta' ghajta ta' iljun.